MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 927/1996/1

Costantino **MUSCAT** et

vs

Giorgia **CASHA** et

**Il-Qorti:**

Dan huwa degriet mogħti skond l-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fuq talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tat-2 ta' Mejju, 2003. Bih qegħdin jitolbu li din il-Qorti tħassar *contrario imperio* degriet li kien ingħata fil-11 ta' Frar, 2002[1], u li bih kienet ordnat lill-imħarrka Ġorġia Casha biex tiddikjara l-prezz tal-bejgħ tal-post 120, The Strand, Sliema, u li tressaq kopja tal-att nutarili relattiv;

L-atturi opponew għat-talba tal-imħarrkin għar-raġunijiet imsemmija minnhom fir-risposta tagħhom tal-20 ta' Mejju, 2003;

Illi l-imħarrkin qegħdin jitolbu t-tħassir tal-imsemmi Degriet tal-11 ta' Frar, 2002, għar-raġuni li t-tagħrif li l-imħarrka ġiet ordnata tagħti jirreferi għal ġid li ma kienx jagħmel parti mill-wirt ta' missierha, u dan billi l-post kien biegħhulha fl-1988, jiġifieri sitt snin qabel mewtu. Hija tgħid, għalhekk, li dak il-ġid ma jistax jitqies għall-finijiet tat-talba attriċi, u x-xhieda li mitluba tagħti m'hijiex rilevanti għall-kawża;

Illi l-Qorti tibda biex tinnota li għalkemm l-atturi jsemmu l-ħin kollu d-dar bin-numru "120", dan ma jaqbilx ma' wħud mid-dokumenti minnhom stess imressqin mal-att taċ-ċitazzjoni, fejn il-post huwa indikat bin-numru mitejn u wieħed (201), kif ukoll isemmu l-atturi f'affidavit tagħhom;

Illi, madankollu, aktar minn hekk, jirriżulta li l-post kien jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-ġenituri tal-partijiet f'din il-kawża, u l-bejgħ li għamel il-missier lill-imħarrka u żewġha kien biss tan-nofs (1/2) mhux maqsum tal-istess post. Billi n-nofs (1/2) mhux maqsum li kien jgħajjat lill-omm

[1] Paġ. 60 tal-proċess

għadda mal-mewt tagħha, it-tagħrif dwar l-imsemmi fond jista' jkun rilevanti tal-ewwel (1el), it-tielet (3et) u l-ħames (5es) talbiet attriċi;

Illi fiż-żmien li ngħata d-degriet tal-11 ta' Frar, 2002, is-sentenza li jsemmu l-imħarrkin kienet diġa' ilha li ngħatat, u għalkemm jidher li huma ma ġewx notifikati bir-rikors tal-atturi tal-10 ta' Jannar, 2002[2], qabel ma ngħata l-imsemmi degriet, ma seħħ xejn rilevanti minn dak inhar 'l hawn biex iwassal lill-Qorti tibdel il-fehma tagħha;

Wara li rat l-artikoli 229(1), 230, 587 u 637 tal-Kap 12;

Tiċħad it-talba u tordna lill-imħarrkin iressqu kopja tal-kuntratt tal-bejgħ tal-post imsemmi.

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Paġ. 59 tal-proċess